FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-30 T'APRIL 2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JANET MICALLEF

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Janet Micallef ta' 37 sena imwielda Pieta nhar is-7 ta' Lulju 1964 bin Vincent u Carmen nee Parnis u mizzewga lil Alfred Micallef u residenti gewwa nru 14, Triq San Frangisk Floriana u detentura tal-karta tal-identita numru 413564M talli bejn it-8 t'Awissu 1999 u t-28 ta' Frar 2000 bhala il-proprjetarja jew amministratura responsabbli jew konsumatura tal-fond u cioe nru 14, Triq san Frangisk, Furjana, b'diversi atti maghmulin minnha b'risoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti, b'mezzi qarrieqa li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fil-meter, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi, u b'hekk ikkomettiet serq ta' dawl elettriku ta' Lm137.04 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u dan ai termini tal-artikoli 18, 261, 263, 264(2), 267, 279(a) u 270 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli l-istess cirkostanzi ikkomettiet hsara volontarja fuq meter ta-dawl tal-marka ISKRA bin-numru 12623900 liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin u dan bi ksur tal-artikoli 325(d), 326© u (f) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-30 t'april 2002 fejn l-imputata ammettiet ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 18, 261, 263, 264, 267, 279, 270, 325(d), 326©(f) tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 u tilliberaha bla kondizzjoni u dana fid-dawl tac-cirkostanzi specjali li fihom tinsab l-imputata u fid-dawl tal-fatt illi hallset il-pendenzi kollha qabel ma inbdew il-proceduri odjerni.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.